**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2018/2262(INI)**

6.12.2018

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera
(2018/2262(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Doru-Claudian Frunzulică

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW................3

## PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera (2018/2262(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014 li tawtorizza n-negozjati dwar ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar qafas istituzzjonali li jirregola r-relazzjonijiet bilaterali, u l-bidu tan-negozjati fit-22 ta' Mejju 2014,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-28 ta' Frar 2017 dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2010 u tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-EFTA,

– wara li kkunsidra l-irtirar tal-applikazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għas-sħubija fl-UE f'Lulju 2016,

– wara li kkunsidra r-rifjut tal-poplu Żvizzeru tal-vot popolari dwar il-parteċipazzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) b'50.3 % f'Diċembru 1992, l-inizjattiva "*EU membership negotiations: let the people decide*" (Negozjati dwar is-sħubija fl-UE: huwa f'idejn il-poplu li jiddeċiedi) b'74 % f'Ġunju 1997 u l-inizjattiva "Yes to Europe!" (Iva għall-Ewropa!) b'77 % f'Marzu 2001,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, iffirmat fit-23 ta' Novembru 2017[1],

– wara li kkunsidra l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u l-Qafas ta' Kooperazzjoni tal-Iżvizzera, iffirmati fis-16 ta' Marzu 2012,

– wara li kkunsidra l-ftehim bejn l-Iżvizzera u l-Eurojust dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, li ġie ffirmat fis-27 ta' Novembru 2008 u daħal fis-seħħ fit-22 ta' Lulju 2011,

– wara li kkunsidra l-ftehim bejn l-Iżvizzera u l-Europol dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja u t-terroriżmu, li ġie ffirmat fl-24 ta' Settembru 2004 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2006, u t-tkabbir tal-qasam ta' applikazzjoni taħtu tal-1 ta' Jannar 2008,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażagħ, iffirmat fil-15 ta' Frar 2010,

[1] ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-moviment liberu tal-persuni, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002[1],

– wara li kkunsidra l-inizjattiva popolari federali Żvizzera tad-9 ta' Frar 2014, fejn 50.3 % tal-poplu Żvizzeru appoġġja proposti biex jerġgħu jiġu introdotti kwoti fuq l-immigrazzjoni mal-Unjoni Ewropea, biex tingħata preferenza nazzjonali meta jkunu qed jimtlew postijiet tax-xogħol battala, u biex jiġu ristretti d-drittijiet tal-immigranti għall-benefiċċji soċjali,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-Kummerċ Ħieles tal-1972, li ġie żviluppat matul is-snin[2],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002[3],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport tal-Merkanzija u tal-Passiġġieri bil-Ferrovija u bit-Triq, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002[4],

– wara li kkunsidra n-negozjati dwar ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku, li bdew f'Novembru 2007,

– wara li kkunsidra s-37 laqgħa interparlamentari bejn l-UE l-Iżvizzera, li saret fi Brussell fl-4 u fil-5 ta' Lulju 2018,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar l-Iżvizzera, b'mod partikolari tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar iż-ŻEE-Żvizzera: ostakoli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern[5], u l-abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat tiegħu għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur dwar l-istess suġġett tal-24 ta' April 2018,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 108(4) u 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0000/2018),

A. billi r-relazzjoni attwali tal-Iżvizzera mal-UE hija bbażata fuq sett kumpless ta' madwar 20 ftehim bilaterali settorjali prinċipali u madwar 100 ftehim ieħor; billi l-Iżvizzera tipparteċipa b'mod parzjali biss fl-erba' libertajiet ilkoll kemm huma;

B. billi l-Kunsill iddikjara li ftehim istituzzjonali globali mal-Iżvizzera għandu jfittex li jipproteġi l-omoġeneità tas-suq intern u jiżgura ċ-ċertezza tad-dritt għall-awtoritajiet, iċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi;

C. billi l-Kunsill Federali Żvizzeru jixtieq jikkonkludi qafas istituzzjonali mal-UE li jiżgura ċ-ċertezza tad-dritt fil-qasam tal-aċċess għas-suq u li jippreserva l-prosperità, l-

[1] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.
[2] ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.
[3] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73.
[4] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91.
[5] ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 18.

indipendenza u s-sistema legali Żvizzera[1];

D. billi l-Iżvizzera esprimiet ix-xewqa tagħha li titlaq mid-dispożizzjonijiet materjali vinkolanti dwar l-għajnuna mill-Istat għal ftehim futur dwar l-aċċess għas-suq u jkollha aċċess għas-suq uniku għall-elettriku;

E. billi l-Iżvizzera u l-UE ffirmaw Ftehim ġdid dwar it-Taxxa u l-Introjtu mit-Tfaddil fis-27 ta' Mejju 2015, li jirrikjedi li ż-żewġ partijiet iwettqu skambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEI) dwar il-kontijiet finanzjarji tar-residenti ta' xulxin minn Settembru 2018; billi l-UE elenkat lill-Iżvizzera bħala "ġurisidizzjonijiet mhux kooperattivi għal skopijiet ta' taxxa" f'Diċembru 2017;

F. billi l-Iżvizzera tikkoopera fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u pparteċipat fil-missjonijiet ta' paċi ċivili u militari tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), b'mod partikolari fl-Ukrajna u fil-Mali;

G. billi l-Iżvizzera ilha tagħmel parti miż-żona Schengen mill-bidu tal-implimentazzjoni Żvizzera tagħha f'Diċembru 2008;

H. billi abbażi tal-ftehim ta' assoċjazzjoni ta' Dublin, l-Iżvizzera hija assoċjata ma' partijiet tal-acquis dwar l-asil tal-UE; billi l-Iżvizzera ilha tagħti kontribut finanzjarju u operazzjonali lill-Frontex mill-2009;

I. billi fl-2017, il-popolazzjoni Żvizzera ta' 8.48 miljun inkludiet 2.13 miljun ċittadin barrani, li 1.4 miljun minnhom ġew minn Stati Membri tal-UE u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA); billi 320 000 ċittadin tal-UE jivvjaġġaw lejn l-Iżvizzera kuljum, filwaqt li 450 000 ċittadin Żvizzeru jgħixu fl-UE;

J. billi fl-2009, l-Iżvizzera qablet li tkompli l-Ftehim bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni;

K. billi l-kumpaniji barranin huma obbligati li jirrispettaw il-kundizzjonijiet minimi tax-xogħol Żvizzeri meta jikkollokaw ħaddiema barranin lejn l-Iżvizzera; billi l-kuntrattur ewlieni għandu r-responsabbiltà legali li jiżgura li s-sottokuntratturi josservaw ir-regolamenti tas-suq tax-xogħol Żvizzeri;

L. billi l-Iżvizzera fl-2002 introduċiet "miżuri ta' akkumpanjament" bl-għan li tipproteġi l-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards soċjali Żvizzeri;

M. billi l-Iżvizzera tixtieq teskludi l-obbligi ta' akkwiżizzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim qafas istituzzjonali;

N. billi l-Iżvizzera ilha membru tal-EFTA mill-1960;

O. billi s-"*Self-Determination Initiative*" (l-Inizjattiva tal-Awtodeterminazzjoni) ġiet irrifjutata permezz ta' vot popolari ta' 66 % u mill-kwartieri kollha fil-25 ta' Novembru 2018;

[1] https://www.eda.admin.ch/dam/dea/en/documents/fs/11-FS-Institutionelle-Fragen_en.pdf

1. Jirrakkomanda dan li ġej lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

a) jenfasizza li l-Iżvizzera u l-UE jgawdu relazzjonijiet mill-qrib, wesgħin u komprensivi, u li r-rabtiet u l-konnessjonijiet ekonomiċi, politiċi, soċjali, xjentifiċi u bejn il-persuni huma b'saħħithom, filwaqt li jfakkar il-prossimità kulturali u ġeografika bejniethom;

b) jilqa' d-dikjarazzjoni Żvizzera li huwa fl-interess tagħha u fl-interess tal-UE li jiġġedded u jiġi kkonsolidat l-approċċ bilaterali u li tinbena relazzjoni dejjem aktar mill-qrib;

c) iħeġġeġ biex ir-relazzjonijiet tal-UE mas-sieħeb tagħha, l-Iżvizzera, jitjiebu permezz tal-konklużjoni fil-waqt tan-negozjati dwar il-ftehim qafas istituzzjonali bilaterali u jenfasizza l-potenzjal li jkomplu jissaħħu r-relazzjonijiet li diġà hemm fis-seħħ;

d) jenfasizza li l-moviment liberu tal-persuni huwa pilastru fundamentali tal-politika tal-UE u tas-suq intern, u li l-erba' libertajiet tiegħu huma indiviżibbli; jesprimi dispjaċir dwar il-"miżuri ta' akkumpanjament" unilaterali tal-Iżvizzera li ilhom fis-seħħ mill-2002; u jistieden lill-Iżvizzera u lill-UE jilħqu ftehim aċċettabbli b'mod reċiproku dwar il-kwistjoni;

e) jissottolinja l-fatt li l-Iżvizzera għandha tkompli tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja sinifikanti bi sforz biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali fl-UE; ifakkar li l-Iżvizzera tirċievi benefiċċji sinifikanti minħabba l-parteċipazzjoni fis-Suq Uniku; jenfasizza li l-kontribut Żvizzeru futur għall-koeżjoni tal-UE huwa essenzjali u għandu jiżdied b'mod konsiderevoli;

f) jissuġġerixxi li l-Iżvizzera għandha tispjega aħjar liċ-ċittadini tagħha l-benefiċċji tanġibbli li jiksbu jekk ikollhom aċċess għas-suq intern u kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE;

g) iħeġġeġ biex ladarba l-ftehim istituzzjonali jiġi konkluż, dan jiġi sottomess mingħajr dewmien lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri u lill-Parlament Żvizzeru għal approvazzjoni;

h) jinnota li l-Iżvizzera laqgħet aktar minn miljun immigrant mill-UE;

i) ifakkar li wara r-referendum tad-9 ta' Frar 2014, il-Parlament Żvizzeru fl-2016 għadda emenda għall-Att dwar iċ-Ċittadini Barranin għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 121a tal-Kostituzzjoni Federali, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2018; jenfasizza li huwa essenzjali li l-Kunsill Federali jagħti attenzjoni xierqa biex jimplimenta l-Artikolu 121a sabiex ma jxekkilx id-dritt taċ-ċittadini tal-UE għall-moviment liberu;

j) jirrikonoxxi l-kontribut li s-sħubija mill-qrib bejn l-UE u l-Iżvizzera ġġib għall-ftehimiet settorjali bilaterali; iħeġġeġ, madankollu, li wasal iż-żmien li tissaħħaħ is-sħubija u li jsir pass ħafna aktar komprensiv u sostanzjali fir-relazzjonijiet bilaterali

billi jiġi konkluż il-ftehim qafas;

k) jilqa' l-fatt li, għal żmien twil ħafna, il-promozzjoni tal-paċi kienet parti importanti tal-politika barranija Żvizzera; jinnota l-involviment tal-Iżvizzera fil-promozzjoni tal-paċi, b'mod partikolari fl-Istati Balkani bħall-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo, fl-Ukrajna, fil-Lvant Nofsani f'pajjiżi bħas-Sirja, fl-Afrika ta' Fuq, fil-Qarn tal-Afrika, u fis-Saħel;

l) jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-missjonijiet ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE, bħal fil-EUFOR, ALTHEA, EURLEX Kosovo, EUTM Mali u EUBAM Libya, u fil-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Iżvizzera dwar l-għajnuna umanitarja, il-protezzjoni ċivili, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-tibdil fil-klima;

m) jirrikonoxxi l-kontribuzzjoni u l-kooperazzjoni Żvizzera fil-kuntest tal-flussi tal-migrazzjoni tal-massa lejn iż-żona Schengen u fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni; jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Iżvizzera li ma tisseħibx fil-Patt Globali għall-Migrazzjoni;

n) jissuġġerixxi li, fil-kuntest tal-miżuri ta' akkumpanjament, id-Direttiva tal-UE dwar l-impjieg ta' ħaddiema tista' tħalli biżżejjed lok biex l-Iżvizzera żżomm il-livell attwali ta' protezzjoni soċjali tagħha fejn tidħol l-offerta transkonfinali tas-servizzi;

o) jilqa' l-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera mal-programm Orizzont 2020 kollu kemm hu;

p) iħeġġeġ il-konklużjoni tan-negozjati dwar il-parteċipazzjoni Żvizzera fil-programm Erasmus;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kif ukoll lill-Assemblea Federali u lill-Kunsill Federali tal-Konfederazzjoni Żvizzera.